MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 983/2002

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 11 ta' Novembru, 2003.**

**Kawza Nru: 41.**

**Citaz Nru: 983/02.**

**Bank of Valletta plc.**

**-vs-**

**Joseph u Maria Dolores mizzewgin Zammit u Dottor Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja nominati b' digrie tas-16 t' Ottubru, 2001 Kuraturi Deputati nominai sabiex jirraprezentaw lill-assenti Thomas u Donna mizzewgin Zammit.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fit-30 t' Awissu, 2002, li fiha s-socjeta' attrici ippremettiet:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati 24 ta' Jannar 1997, u 17 t' Ottubru, 1997 it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Stephen Mamo u dak tas-26 ta' Novembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok "A", Dok "B" u Dok "C"), is-socjeta' attrici kkoncediet "Loan and Overdraft Facilities" lill-konvenuti Joseph u Maria Dolores mizzewgin Zammit;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph u Maria Dolores mizzewgin Zammit fis-somma ta' hamsa u tletin elf u hdax-il Liri Maltin u tlett centezmi (Lm35,011.03) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" ta' Joseph u Maria Dolores mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 26 ta' Settembru 2001 li kopja taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "I" u Dok "J", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolub lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandix:

1. Tikkundanna lil Joseph u Maria Dolores mizzewgin Zammit u lill-Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Thomas u Donna mizzewgin Zammit jhallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf u hdax-il Liri Maltin u tlett centezmi (Lm35,011.03) bilanc ghad-debitu

fil-“Loan u Overdraft Accounts” ta’ Joseph u Maria Dolores mizzewgin Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1 sa D4”, u “E1 sa E 76”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’ April, 2002 sad-data ta’ l-effetiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 26 ta’ Settembru 2001 kontra l-konvuti li huma ngunuti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni, u minghajr pregudizzju ghal

proceduri ohra ntavolati kontra l-assenti Thomas u Donna mizzewgin Zammit mis-socjeta’ attrici ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhied tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti Joseph u Maria Dolores mizzewgin Zammit, li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, filwaqt li l-Kuraturi ghadhom mhux edotti bil-fatti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas- socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------